# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-3 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 649/2009 SM**

**Sandro Portelli u Doreen Psaila**
**fil-kapacita` taghhom bhala l-legittimi**
**eredi ta' l-illum mejta l-minuri**
**binthom Mireille Portelli**

**vs.**

**1. Tabib Ewlieni tal-Gvern**

**2. Dr. Daniela Demarco**

**3. Dr. Edward Zammit**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-3 ta' Lulju, 2009, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament esponew is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi huma l-genituri ta' Mireille Portelli fuq gia` indikati;

1.2. Illi l-istess genituri hadu lill-imsemmija binthom ta' sena u nofs fil-Unit tal-Pedjatrija, fl-Emergenza, l-Isptar San Luqa hames (5) darbiet senjatament fid-dati 21, 22, 24 u darbtejn fil-25 ta' Lulju, 2005;

1.3. Illi f'erba' (4) darbiet minnhom gew assikurati mit-tobba intimati jew min minnhom, li l-istess Mireille ma kellha xejn gravi u b'hekk haduha lura d-dar fuq struzzjonijiet ta' l-istess tobba;

1.4. Illi f'dawn l-okkazzjonijiet li fihom marru l-Unit tal-Pedjatrija gieli sabuh maghluq u ghalhekk kellhom imorru direttament l-Emergenza tal-istess Sptar;

1.5. Illi *stante* li binthom regghet qalbet ghall-aghar hafna, regghu hadu lil binthom il-Unit tal-Pedjatrija fil-5.30a.m. tal-25 ta' Lulju, 2005, fejn sabu l-istess Unit maghluqa;

1.6. Illi ghalhekk hadu lil binthom l-Emergenza fejn regghu ntbaghtu quddiem il-bieb tal-Unit tal-Pedjatirja ghaliex infurmawhom li kellha tigi tabiba tassistihom;

1.7. Illi fil-frattemp il-minuri Mireille bdiet turi sintomi ta' ghatx kbir, kellha xuftejha blu, u fejn tmissilha gisimha dan beda jitebba;

1.8. Illi l-minuri giet assistita wara madwar erbghin (40) minuta;

1.9. Illi f'dan l-istadju l-intimati jew minn minnhom irrealizzaw li s-sitwazzjoni tal-minuri kienet gravi;

1.10. Illi saru diversi ezaminjiet medici fuq il-minuri *de quo*, u ddahlet fil-*"ward"* maghruf bhala *"Disneyland"*;

1.11. Illi l-minuri ttellghet l-*“SCBU”*, izda fit-8.00a.m. tal-istess gurnata gew infurmati li kienet mietet;

1.12. Illi jsosstnu li l-mewt ta’ binthom sehhet minhabba imperizja, negligenza, u non-osservanza tar-regolamenti *da parte* tal-intimati jew min minnhom;

1.13. Illi l-intimat Tabib Ewlieni tal-Gvern naqas b’mod lampanti li jipprovdi sistema efficjenti biex jigu trattati kazijiet t’emergenza bhal kaz odjern, billi l-Unit tal-Pedjatrija ma nzammitx miftuha b’mod kostanti biex tilqa’ dawn l-emergenzi b’mod efficjenti;

I.14. Illi ghalkemm interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.15. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.15.1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghall-mewt tal-minuri Mireille Portelli nhar il-25 ta’ Lulju, 2009, u dan, minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti;

1.15.2. Tillikwida s-somma dovuta lir-rikorrenti mill-intimati jew min minnhom bhala danni, anke tramite l-hatra ta’ periti;

1.15.3. Tordna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.15.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat l-20 t’Awwissu, 2009, li permezz tieghu tat l-istruzzjonijiet procedurali lill-partijiet in kawza ghall-ahjar tmexxija tal-istess, (ara foll 6);

3.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata t-28 ta' Settembru, 2009, li permezz taghha rrispondew is-segwenti: (ara foll 11);

3.1. Illi l-intimati ma jirrispondux ghad-danni *stante* li dawn ma grawx ikkagunati tort taghhom;

3.2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kura li nghatat lill-pazjenta *de* quo kienet:

3.2.1. Fil-pront;

3.2.2. Tajba;

3.2.3. "*Secundum artem*";

3.3. Illi l-mewt in dizamina ma kienitx rizultat ta' xi nuqqas istituzzjonali *stante* li l-kura u attenzjoni mehtiega nghataw:

3.3.1. Fil-pront;

3.3.2. Minghajr dewmien; u

3.3.3. Fi struttura armata appozitament;

3.4. Illi l-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-22 t'April, 2010, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikata, (ara foll 16 u 17);

5. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat l-1 t'April, 2014, li permezz tieghu awtorizzat lill-istess assistant gudizzjarju *de quo* jirritorna l-inkartament kollu tal-process fl-atti odjerni, (ara foll 200);

6. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 226);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-18 t'April, 2016, (ara foll240), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata l-14 ta' Gunju, 2016, (ara foll 241);

8. Semghet ix-xhieda prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti *in atti*;

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

11.1. Illi l-*fatti* in dizamina jirrigwardaw l-esperjenza amara li r-rikorrenti ghaddew minnha meta binthom Mireille kellha bzonn tigi rikoverata l-isptar u mietet fi zmien qasir;

11.2. Illi sa qabel l-20 ta' Lulju, 2005, l-imsemmija Mireille kienet tifla b'sahhitha u minghajr problemi medici, (ara foll 31 tal-kostatazzjonijiet forensici tal-esperti medici fl-atti tal-inkjesta Magisterjali a foll 29 tal-process, (minn issa indikata bhala r-Relazzjoni Medika);

11.3. Illi fl-14 ta' Lulju, 2005, l-istess Mireille inghatat il-vaccinazzjoni maghrufa "M.M.R.", (*"measles, mumps, rubella"*), ara foll 31 u42 tar-Relazzjoni Medika a foll 29;

11.4. Illi fil-21 ta' Lulju, 2005, l-istess tifla kienet qed tbati b'103.7 deni, u peress li ma setghax jinstab it-tabib tal-familja ittiehdet l-isptar, (ara foll 31 tar-Relazzjoni Medika, a foll 29);

11.5. Illi ntbghatet id-dar izda minhabba nefha f'ghonqa regghet giet rikoverata l-isptar, (ara foll 32 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.6. Illi minghajr l-ebda investigazzjoni dettaljata, l-istess tarbija ntbghatet id-dar, (ara foll 32 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.7. Illi fl-24 ta' Lulju, 2005, ittiehdet l-isptar ghat-tielet darba, fejn wara ezami superficjali u wkoll, bhal qabel, minghajr ma ttiehdu kampjuni ghall-analizi, regghet intbghatet id-dar, (ara foll 32 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.8. Illi peress li l-genituri rikorrenti innotaw *"rash"*, regghu hadu lil binthom l-isptar ghall-habta tal-11.30p.m. tal-istess gurnata indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 32 tar-Relazzjoni Medika a foll 29), madwar hames (5) sighat wara li t-tarbija kienet ezaminata mill-intimata Dr. Demarco;

11.9. Illi l-istess regghet ittiehdet l-isptar fis-1.15a.m. tal-25 ta' Lulju, 2005, fejn din id-darba kienet ezaminata minn Dr. Edward Zammit, li bghata lura d-dar wara li ezaminha u qal lill-genituri rikorrenti li binthom kienet *"over tired"* u kellha bzonn torqod, (ara foll 33 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.10. Illi l-istess genituri infurmaw lit-tabib *de quo* li dan ma setghax ikun ghaliex it-tifla kienet rieqda il-hin kollu, (ara foll 33 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.11. Illi l-istess Dr. Zammit fuq riferit lanqas biss irrefera ghan-noti tal-isptar, (ara foll 33 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.12. Illi r-rikorrenti Sandro Portelli: (ara foll 33 tar-Relazzjoni Medika a foll 29)

11.12.1. Ma kienx sodisfatt b'dak li qallu Dr. Zammit;

11.12.2. Kien irrabjat ghall-attitudini tal-istess tabib;

11.12.3. Allega li t-tabib kien bla interess ta' xejn;

11.13. Illi finalment l-istess tarbija ddahlet l-isptar ghall-hames (5) darba fil-5.30a.m. tal-25 ta' Lulju, 2005, (ara foll 34 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.14. Illi meta ezaminata minn Dr. Demarco, rat li din kienet fi stat hazin, haditilha X-ray tal-kavita` toracika, u wara li kellmet lil Dr. Ryan Farrugia, it-tifla kienet rikoverata fis-sala maghrufa bhala *"Disneyland"* fejn ghall-ewwel darba gie konsultat pedjatra, (ara foll 34 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.15. Illi t-tifla kienet dijanjostikata li kellha problema respiratorja u bdiet tiddeterjora rapidament, (ara foll 34 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.16. Illi t-tifla mietet ftit tal-hin wara, (ara foll 34 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

11.17. Illi *di piu`* jirrizulta li f'dan il-perjodu koncitat hafna fejn il-genituri rikorrenti kienu qed jiehdu lil Mireille kontinwament l-isptar irrizulta li ma kienu jsibu lil hadd fil-*"Paediatric Consulting Room"* u kienu kostretti jmorru fid-Dipartiment tal-Emergenza, minn fejn kienu jergghu jigu indirizzati jmorru hdejn il-bieb tad-Dipartiment tal-Pedjatrija, dan kollu, meta t-tifla kienet tkun fi stat prekarju b'xuftejha blu, (ara foll 12 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

Ikkunsidrat:

12.0. Illi fl-analizi kondott mill-esperti medici nominati mill-Qorti tal-Magistrati, (foll 29), jirrizulta sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi fil-*"Management"* tal-kaz ta' Mireille Portelli kien hemm xi nuqqasijiet u zbalji li setghu jigu evitati, (ara foll 35 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

12.2. Illi fir-rigward tad-Dipartiment tal-*"Emergency and Admissions"* tal-*"Paediatrics"* kien hemm nuqqasijiet serji, (ara foll 36 tar-Relazzjoni Medika a foll 29): senjatament

12.2.1. It-tobba m’ghandhomx esperjenza;

12.2.2. It-tobba nghataw r-responsabbilita` jezaminaw kazijiet ta’ trabi minghajr ma jikkonsultaw lis-*“seniors”* taghhom li huma ta’ certu esperjenza;

12.2.3. Illi dawn it-tobba ghandhom il-fakolta` jiddeciedu lil min jirrikoveraw l-isptar u lil min jirrifjutaw tali rikoveru u jibghatuh id-dar;

12.2.4. Illi tobba assenjati fid-Dipartiment tal-Emergenza u *“Admissions”* f’dipartiment hekk sensittiv bhal ma hu dak tal-Pedjatrija ghandhom ikunu kwalifikati f’dan il-kamp partikolari u ta’ certa esperjenza;

12.2.5. Tobba li jkunu ilhom li lahqu tliet (3) snin jew ghandhom biss tliet (3) xhur esperjenza fil-Pedjatrija m’ghandhomx jinghataw din ir-responsabbilita`;

12.2.6. Illi ghalhekk, id-Direttur ikkoncernat ghandu jizgura li din il-prattika tinbidel minnufih u jassigura li dawn it-tobba hekk hemm assenjati jkunu kemm kwalifikati specifikatament u ta’ esperjenza;

12.2.7. Illi la darba qieghed jigi offrut servizz ta’ pedjatrija dan ghandu jkun offrut minn tobba kwalifikati u t’esperjenza;

12.2.8. Illi dan is-servizz hekk offrut m’ghandux ikun tali li minnu nnifsu jkun kimeriku billi jservi biss li l-genituri involuti jkunu kostretti anke forsi abbuzivament, jindirizzaw lit-tfal taghhom fi sptarijiet u ghand konsulenti fil-privat, (ara foll 37 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi fid-diversi okkazzjonijiet li Mireille kienet rikoverata fis-saga in dizamina jirrizulta li l-ezamijiet medici fuqha kienu pjuttost superficjali fis-sens:

13.1. Illi meta ddahlet l-isptar fit-22 ta' Lulju, 2005, giet ezaminata minn Dr. Vella Muscat li mhix specjalista fil-pedjatrija u lanqas ikkonduciet ezamijiet bazici, (ara foll 37 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

13.2. Illi Dr. Demarco lanqas ikkonsultat in-notamenti tal-istorja medika tat-tifla in dizamina, (ara foll 37 tar-Relazzjoni Medika a foll 29), - haga inammissibbli;

13.3. Illi l-istess esperti medici fuq indikati josservaw li kieku baghtet ghan-notamenti tal-istess kienet tinduna li l-kwistjoni ma kienitx limitata ghal gattone izda li dik kienet it-tielet darba fi ftit jiem li kienet iddahlet l-isptar u li ghalhekk is-sitwazzjoni kienet ferm aktar prekarja, (ara foll 38 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

13.4. Illi l-istess Dr. Zammit jirrizulta li meta ezamina lit-tifla in dizamina dan ukoll naqas li jezamina in-notamenti tal-istess fl-isptar, (ara foll 38 tal-Relazzjoni Medika a foll 29);

13.5. Illi Dr. Zammit jirrizulta li kien ghadu principjant f'dan il-qasam partiklolari billi kellu biss tliet (3) xhur esperjenza fil-pedjatrija, (ara foll 38 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

13.6. Illi *nonostante* li l-genituri rikorrenti informawh bis-sintomi serji li kellha Mireille, senjatament, li kienet blu u kellha *"rash"*, dan xorta naqas isejjah ghall-assistenza tas-*"seniors"* tieghu, (ara foll 38 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

Ikkunsidrat:

14. Illi l-kawza tal-mewt ta' bint ir-rikorrenti kienet *"septicaemia"* li irrizultat minn mikrobu *"streptococcus pyogenes Lancefield Group A"* (ara foll 40 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

15. Illi dan l-*istreptococcus pyogenes"* jinsab kullimkien fl-arja u hu assocjat ma hafna infezzjonijiet, (ara foll 40 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

16. Illi fit-tfal din is-"*septicaemia"* tista' tirrizulta minn infezzjoni fil-grizmejn izda aktar komuni minn hekk, din tkun assocjata m'infezzjoni tal-gilda – fosthom xi hruq tal-gilda u l-gidri, (ara foll 41 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fil-kaz ta' Mireille jirrizulta sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi kienet qed issofri minn infezzjoni fil-grizmejn, (ara foll 41 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

17.2. Illi din l-infezzjoni kienet il-kagun tal-ewwel sintomi u deni, (ara foll 41 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

17.3. Illi l-infezzjoni infirxet fid-demm u kkawzat *"septicaemia"*, (ara foll 42 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

17.4. Illi s-*"septicaemia"* wasslet ghall-mewt tat-tifla in dizamina, (ara foll 42 tar-Relazzjoni Medika a foll 29);

Ikkunsidrat:

18.0. Illi rizultat tal-fatti kif fuq sintetikament elenkati jirrizulta assodat is-segwenti:

18.1. Illi gew riskontrati diversi nuqqasijiet fit-trattament mediku li bint ir-rikorrenti irceviet fl-Isptar San Luqa mit-tobba fuq indikati;

18.2. Illi gew riskontrati wkoll in-nuqqasijiet fuq elenkati fil-prassi professjonali fl-organizzazzjoni dipartimentali;

Ikkunsidrat:

19. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li fl-operat in dizamina jirrizulta li hemm negligenza serja fil-mod kif bint ir-rikorrenti giet trattata fir-rigward;

20. Illi jirrizulta pacifiku wkoll li t-tobba li kellhom jezaminaw lill-minuri in kwistjoni naqqsu li jezercitaw dik id-diligenza li bhala professjonisti kellhom jezercitaw;

21.0. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li dawn it-tobba lanqas imxew skont il-prattika meqjusa bhala norma fir-rigward billi l-istess tobba:

21.1. Naqsu li jaqraw l-istorja medika tal-istess li tinsab fl-arkivji tal-isptar;

21.2. Naqsu li jiehdu kampjuni tad-demm tat-tifla *de quo*;

21.3. Naqsu li jzommu lit-tifla l-isptar ghal aktar osservazzjoni tal-istess;

21.4. Naqsu li jikkonsultaw lill-konsulenti u *seniors* taghhom;

22.0. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li fis-sistema ta' rikoveru konstatat jirrizultaw deficenzi serji fis-sens li:

22.1. Id-Dipartiment tal-Pedjatrija jidher li kien jithalla maghluq f'hinijiet li irrizultaw kritici;

22.2. Ma kienx ikun hemm pedjatra prezenti f'kull hin;

22.3. Is-sistema kienet tinduci lill-utent ifittex kura u assistenza fi sptarijiet u f'konsulenti privati;

Ikkunsidrat:

23. Illi fid-dawl tas-suespost jigi sottolineat li l-bazi tar-responsabbilita` ta' tabib giet ezawrjentement ezaminata mill-

***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fil-kawza fl-ismijiet ***Josephine Borg et vs. Dr. Anthony Fiorini*** datata t-***18 ta' Lulju, 1994,*** li irriferiet ukoll ghall-kawza fl-ismijiet ***Victor Savona proprio et nomine vs. Dr. Peter Asphar et***, deciza mill-***Qorti tal-Appell***;

24. Illi fil-kawza ***Rose Gauci u zewgha Grezzju Gauci ghal kull interess li jista' jkollu vs. Mr Donald Felice et*** datata l-***31 t'Ottubru, 2008***, il-***Qorti tal-Appell*** irriteniet is-segwenti f'dan ir-rigward:

> "Dwar il-grad ta' diligenza li professjonist bhat-tabib ghandu juza, il-gurisprudenza estera hija konkordi li mhux mistenni mit-tabib grad gholi ta' diligenza, izda dik normali li wiehed jistenna minn professjonist tal-affari tieghu;
>
> "Hekk fil-kawza Ingliza ***"Bolam vs. Friern H.M.C." (1957 W.L.R. 582)*** il-qorti qalet: 'The test is the standard of the ordinary skilled man exercising and professing to have that special skill; it is well established law that it is sufficient if he exercises the ordinary skill of an ordinary competent man exercising that particular art". Il Corte di Cassazione tal-Italja, f'sentenza moghtija fit-18 ta' Gunju, 1945, enunzjat l-istess principju meta qalet li: "la diligenza che il professionista deve porre nello svolgimento dell' attivita` professionale e` quella del professionista di preparazione e di diligenza media". L-istess Corte di Cassazione, f'sentenza moghtija fit-22 ta' Frar, 1988, osservat pero`, illi jista' jkun hemm ir-responsabbilita` tat-tabib anke ghal *colpa lieve* meta "di fronte ad un caso ordinario, non abbia osservato, per inadeguatezza od incompetenza della preparazione professionale, avvero per ommissione della media deligenza, quelle regole precise che sono acquisite, per commune consenso e consolidata sperimentazione, alla scienza ed alla pratica, e quindi, costituiscano il neccesario corredo del professionista che si dedichi ad un determinato settore della medicina"

Ikkunsidrat:

25. Illi fir-rigward tar-rizultanzi in dizamina l-artiklu 1050(1) tal-Kodici Civili jipprovdi s-segwenti:

> "Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita, min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, wkoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn";

26. Illi fl-istess vena fil-kaz fl-ismijiet ***Kevin Mifsud vs. Sparkasse Bank Malta p.l.c. et*** datat id-***9 ta' Frar, 2005***, il-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)*** qalet:

> "Fil-fehma tat-Tribunal l-attur irnexxielu jipprova li d-danni kagunati lilu kienu konsegwenza ta' negligenza ta' xi wiehed miz-zewg konvenuti jew tat-tnejn f'daqqa izda dawn tal-ahhar ma rnexxilhomx jipprovaw sodisfacentement li l-hsara kienet giet kawzata minhabba n-negligenza ta' wiehed minnhom u mhux ta' l-iehor. F'dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jidhirlu li ghandu japplika l-artiklu 1050(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta";

27. Illi wkoll, skont il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Emanuel Sammut u martu Maryanne Sammut vs. Chief Government Medical Officer et***, datata t-***12 ta' Dicembru, 2002***, sosstniet is-segwenti:

> "Illi m'hemmx dubju li l-konvenuti fil-kwalita` taghhom premessa huma responsabbli ghall-operat tal-funzjonarji taghhom u wkoll ghad-decizjonijiet li inhadu mill-istess staff taghhom u anke ghad-decizjonijiet il-hziena u negligenti li nhadu mill-istess awtoritajiet inkluzi l-konvenuti fil-kwalita` ufficjali taghhom jew il-persuni li kienu jokkupaw l-istess kariga fiz-zmien in kwistjoni li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u

nuqqas ta' hila skont id-disposizzjonijiet fuq citati u l-artiklu 1037 tal-Kap 16";

Ikkunsidrat:

28.0. Illi konsegwenza taz-zewg (2) paragrafi precedenti r-rikorrenti – vittma tad-danni in dizamina – jistghu jindirizzaw il-procedura odjerna:

28.1. Kemm kontra l-persuni li kkawzaw id-danni in dizamina minhabba l-atti jew l-operat taghhom;

28.2. Kif ukoll kontra l-persuni li impjegaw lill-istess;

Ikkunsidrat:

29.0. Illi ghal dak li jirrigwarda l-***likwidazzjoni tad-danni*** jinghad sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi l-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili jiddeterminaw ir-responsabbilita` fir-rigward;

29.2. Illi effettivament, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu;

29.3. Illi in ma juzax id-diligenza, il-prudenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja jitqies li hu hati t'ghemilhu;

29.4. Illi hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi ghall-hsara li tigri minhabba nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb fi grad akbar;

29.5. Illi kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi il-hsara li persuna responsabbli ghaliha ghandha twiegeb hi determinata mill-artiklu 1045 tal-Kodici Civili u tinkludi:

30.1. It-telf effettiv;

30.2. L-ispejjez li d-danneggjat kellu jaghmel minhabba l-hsara;

30.3. It-telf ta' paga jew qligh iehor attwali;

30.4. Telf ta' qligh li wiehed ibati 'l quddiem minhabba inkapacita` permanenti totali jew parzjali;

31.0. Illi s-somma involuta ghandha tigi determinata mill-qorti wara li tqis:

31.1. Ic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

31.2. Ix-xorta u l-grad ta' inkapacita` riskontrata;

31.3. Il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara;

Ikkunsidrat:

32.0. Illi rigward il-***Quantum*** **tad-Danni** jinghad sintetikament is-segwenti:

32.1. Illi bint ir-rikorrenti kellha sena u nofs meta mietet;

32.2. Illi fil-kalkolu tal-***Multiplier*** il-gurisprudenza tqis li ghandha tiskarta z-zmien mehtieg sakemm il-vittma tilhaq l-eta` li tkun tista' tahdem – senjatament is-sittax-(16) il sena;

32.3. Illi f'dan il-kaz, a bazi tal-kaz fl-ismijiet ***Isabelle u Norman Borg et vs. Robert Galea et***, datata z-***19 t'Ottubru, 2007***, tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** sejjer jittiehed *"multiplier"* ta' hamsa u tletin (35);

32.4. Illi ghandu jkun pacifiku li bhala minuri il-vittma ma kellha l-ebda dhul li fuqu wiehed jista' jikkalkula t-telf li garrbet;

32.5. Illi konsegwentement ser jitqies li dhul ragonevoli hu dak naxxenti minn paga minima senjatament dik ta' tmint elef, sitt mija u hamsa u erbghin euro, (€8,645.00);

Ikkunsidrat:

33. Illi fil-kawza odjerna d-danni qed jigu rikjamati mill-genituri rikorrenti;

34. Illi *stante* l-eta` tenera involuta, jirrizulta pacifiku li hemm grad baxx ta' *"degree of dependency"* tal-werrieta u li ghalhekk, l-ammont ta' kumpens ghandu jigi ridott b'terz (⅓);

Ikkunsidrat:

35. Illi *di piu`*, fid-dawl tad-decizjoni tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Turner vs. Agius***, datata it-***28 ta' Novembru, 2003***, ghandu wkoll isir tnaqqis iehor ta' hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), ghall-fini ta' konsum;

Ikkunsidrat:

36. Illi ghalhekk il-kumpens involut ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

€8,645.00 x 35 = €302,593.20

Ridott ghal terz = €100,864.40

Tnaqqis ta' 25% = € 75,648.39

37.0. Illi rigward il-*lump Sum Payment* jinghad is-segwenti:

37.1. Illi l-procedura odjerna giet introdotta fit-3 ta' Lulju, 2009, (ara foll 1)

37.2. Illi ser tigi deciza fit-3 ta' Novembru, 2016; (ara foll 261)

37.3. Illi ghandu ghalhekk isir tnaqqis ta' ghaxra fil-mija, (10%);

Ikkunsidrat:

38. Illi in vista tas-suespost il-kumpens dovut lir-rikorrenti qed jigi likwidat fl-ammont ta' sittin elf, hames mija u tmintax- il euro, u tlieta u sebghin centezmu, (€60,518.73);

**DECIDE:**

39.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u ghalhekk:

39.1. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimati;

39.2 Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

39.3. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli *in solidum* ghall-mewt tal-minuri Mireille Portelli kif fuq determinat, u dan, minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti;

39.4. Tillikwida d-danni dovuti lir-rikorrenti mill-intimati *in solidum* fl-ammont fuq gia` indikat ta' sittin elf hames mija u tmintax- il euro u tlieta u sebghin centezmu, (€60,518.73);

39.5. Tikkundanna l-intimati *in solidum* biex ihallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

39.6. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**